MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 370/2011

**Carmela Sptieri u**

**b'digriet tad-29 ta' Marzu 2012**

**l-atti tal-kawza gew trasfuzi f'isem Paola Vassallo, u**

**dan wara l-mewt tal-attrici Carmela Spiteri fil-mori tal-kawza**

**vs**

**Yolanda Maria Vella**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici tal-15 ta' April 2011 li jghid hekk:

1. Illi meta r-rikorrenti marret ticcekkja flusha li ghandha depozitati mal-HSBC (Malta) plc u mal-Bank of Valletta plc, hija giet infurmata li gew zbankati mill-intimata diversi ammonti li b'kollox jammonta ghas-somma ta' sitta u erbghin elf tlett mija u tmienja u sebghin ewro u hamsa u sebghin ewro centezmu (€46,378.75c);

2. Illi rendikont ta' dawn l-izbanki huwa anness u markat bhala Dok A, B, C, u D;

3. Illi l-istess banek infurmawha wkoll li tali zbanki saru mill-intimata;

4. Illi r-rikorrenti qatt ma awtorizzat lill-intimata sabiex tizbanka dawn il-flus u lanqas ir-rikorrenti qatt ma rat sold minn dawn il-flus;

5. Illi meta r-rikorrenti interpellat lill-intimata biex tirrifondi l-flus li gew zbankati mill-intimata, l-istess intimata wiegbed li hija setghat taghmel dan minhabba li r-rikorrenti taghtha prokura favur taghha fit-tnejn (2) ta' Frar elfejn u ghaxra;

6. Illi kopja ta' din il-prokura r-rikorrenti intbaghtet lilha min-Nutar Dr Charmain Debono liema prokura qieghda tigi annessa u mmarkata Dok E.

7. Illi ghalkemm interpellata sabiex tirrifondi lura l-imsemmija somma ta' sitta u erbghin elf, tlett mija tmienja u sebghin ewro u hamsa u sebghin ewro centezmu (€46,378.75,) u dan kif jidher mill-annessa ittra ufficjali mmarkata Dok F, l-intimata baqghet inadempjenti.

8. Illi l-intimata baqghet sallum ma hallset xejn mis-somma ta' sitta u erbghin elf, tlett mija tmienja u sebghin ewro u hamsa u sebghin ewro centezmu (€46,378.75).

9. Illi l-ammont ghadu dovut u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Tghid ghalhekk l-intimata ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

(a) tiddikjara li l-intimata naqset li tghaddi lir-rikorrenti s-somma ta' sitta u erbghin elf, tlett mija tmienja u sebghin ewro u hamsa u sebghin ewro centezmu (€46,378.75) jew kull somma verjuri li din il-Qorti joghgobha tistabilixxi;

(b) tikkundanna lill-istess intimata sabiex thallas lir-rikorenti s-somma ta' sitta u erbghin elf, tlett mija tmienja u sebghin ewro u hamsa u sebghin ewro centezmu (€46,378.75) jew somma verjuri li din il-Qorti joghgobha tistablixxi.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru nurnru 536/11 u bl-imghax mid-dati relattivi li fihom ittiehdu l-imsemmija flus sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-intimata li minn issa hija ngunta in subizzjoni.

Rat li r-risposta guramentata tal-konvenuta li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici kif rivolti fil-konfront taI-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, stante Ii ma jezisti l-ebda ammont dovut da parti taI-esponenti fil-konfront tal-attrici.

2. IIli inoltre, kwalsiasi trasazzjoni Ii saret da parti tal-esponenti ghan-nom tal-attrici giet ezegwita ai termini tal-prokura generali datata 2 ta' Frar 2010, in atti tan-Nutar Dott. Charmaine Debono, (annessa bhala Dokument E mac-citazzjoni promotrici) liema transazzjonijiet saru fuq struzzjonijiet tal-istess attrici.

3. IIli I-esponenti dejjem agixxiet in bona fede ai termini tal-istess prokura citata, u effettivament, I-istess esponenti ma wettqet l-ebda transazzjoni ai termini tal-istess prokura, li ma kienetx fuq struzzjonijiet tal-istess attrici. u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Illi fi kwalunkwe kaz, it-talbiet attrici kif rivolti fil-konfront tal-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan kif diga gie rilevat fir-risposta tal-esponenti ghal ittra ufficjali mibghuta rnill-attrici, liema risposta qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument ‘A'.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

6. Bl-ispejjez.

Rat l-atti u noti ta’ sottomissjonijiet li saru;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza fejn l-attrici qed tallega illi l-prokuratrici taghha, l-konvenuta, sbankat flus appartenenti lill-istess attrici minn kontijiet bankarji intestati f'isem l-attrici minghajr l-awtorizazzjoni u kunsens tal-istess attrici. In oltre qed jigi allegat illi dawn il-flus ittiehdu mill-konvenuta b'detriment ghal patrimonju tal-attrici.

Il-konvenuta tistrieh fuq zewg risposti. L-ewwel wahda hi li kull transazzjoni li saret, saret ghan-nom tal-attrici fuq struzzjonijiet taghha ai termini ta' prokura generali datata 2 ta' Frar 2010 u illi l-istess konvenuta agixxiet in buona fede skond l-istruzzjonijiet moghtija.

**Fatti**

Jirrizulta illi l-konvenuta hi n-neputija tal-attrici, illum mejta. Jidher ukoll illi ghal certu zmien apprezzabbli, il-konvenuta kienet midhla taz-zijitha li tghinha fid-dar ghalkemm hemm divergenza fuq il-frekwenza u l-entita tal-ghajnuna li l-konvenuta kienet tippresta lil attrici. Dan mhux daqshekk rilevanti ghat-termini ta' din il-kawza. Dak li hu rilevanti hu illi fit-2 ta' Frar 2010, l-attrici u l-konvenuta marru ghand in-Nutar Charmaine Debono u tatha prokura generali. Skond l-attrici hi hasbet li din kienet intiza biss biex il-konvenuta issarfilha c-cheques tal-pensjoni u li wara irrealizzat li l-konvenuta kienet ingannata. Pero skond ix-xhieda tan-Nutar Debono l-attrici xtaqet prokura generali u semmitilha l-affarijiet tal-bank senjatament il-bank HSBC. Il-prokura saret volontarjament skond ix-xhieda tal-istess Nutar (fol. 190 tal-process).

Hemm ukoll xiehda konfliggenti bejn l-attrici, ohtha Paola Vassallo li wirtitha u l-istess konvenuta dwar in-natura tar-relazzjoni bejn il-kontendenti. Filwaqt li l-attrici tishaq li l-konvenuta f'xi zmien bdiet taghmel pretensjonijiet fuq id-dar u l-kontenut fiha, proprjeta tal-attrici u illi l-istess konvenuta kienet taghmlilha x-xenati u tbezzaghha, il-konvenuta tixhed illi

kienet oht l-attrici li beghditha min zijitha biex tidhol hi flokha u fil-fatt dawret it-testment favur oht l-attrici meta t-testmenti precedenti kienu jiffavorixxu lil konvenuta. L-istess konvenuta, bhala prova li zijitha kienet thobbha u tafdaha resqet xi girien li kkonfermaw illi kienu jaraw lil konvenuta ta' spiss ghand l-attrici tnaddfilha u anki taghmel xogholijiet ta' manutenzjoni tad-dar (ara xiehda ta Andrew Caruana u Nicholas Spiteri a fol. 221 u 226 rispettivament).

Din ix-xiehda kollha ghalkemm jista' jkun ta' rilevanza fi kwistjonijiet ta' wirt jew kawza ta' servigi ma tindirizzax il-kwistjoni centrali bejn il-partijiet.

L-attrici tallega li permezz tal-prokura li kellha f'idejha l-konvenuta, gew zbankati ad insaputa taghha s-segwenti somom mill-kotba tal-bank taghha cioe:

€20,000 fl-20 ta' Marzu 2010

€3,000 fis-17 ta' April 2010

€1,000 fis-17 ta' Mejju 2010

€200 fit-8 ta' Gunju 2010

€500 fit-28 ta' Gunju 2010

€16,678.75 fis-7 ta' Lulju 2010

€5,000 fl-10 ta' Lulju 2010, b'kollox €46,378.75 fi zmien tlett xhur u nofs.

Dawn is-somom gew zbankat mill-kotba tal-bank li l-attrici kellha fl-HSBC u l-BOV u l-withdrawal slips esebiti minn fol. 4 sa 7 tal-process juru illi kull zbank sar mill-konvenuta. L-attrici tixhed li ma rat xejn minn dawn il-flus u ma tafx x'sar minnhom. Malli ndunat b'dan kollu marret ghand avukat u saret ittra ufficjali lil konvenuta datati 23 ta' Marzu 2011 (fol. 10 tal-process).

Ghalkemm il-konvenuta, fl-eccezzjonijiet taghha tghid li hi agixxiet fuq struzzjonijiet tal-attrici skond il-prokura li kellha minghandha, pero stranament l-istess konvenuta ma elaborat xejn dwar dan fl-affidavit taghha.

Jidher car u inkontestat illi l-konvenuta fi zmien tlett xhur, cioe ftit wara li kellha l-prokura f'idejha, zbankat €46,000 mill-flus depozitati fil-banek, liema flus kienu jappartjenu lil attrici. Il-konvenuta ma tinnegahx pero lanqas taghti ebda spjegazzjoni dwar x'ghamlet bihom jew indikazzjoni anki wahda vaga dwar in-natura tal-istruzzjonijiet moghtija mill-attrici lil konvenuta x'kellha taghmel b'dawn il-flus. Minghajr ebda prova li tikkontradici l-allegazzjoni attrici li l-flus baqghu ghand il-konvenuta, ma jistax ma jigix ragonevolment prezunt illi l-flus zbankati gew adoperati a beneficju esklussiv tal-konvenuta.

Ix-xiehda tal-konvenuta illi oht l-attrici dawret lil attrici kontriha u ma halliethiex taraha aktar ma jbiddel xejn mill-obligi u doveri tal-mandatarju. Il-provi li ngiebu li f'xi zmien fl-2011 meta l-attrici kienet rikoverata fl-isptar irrizulta bhala prova li kienet tbati minn dementia moderata li kienet ilha tipperdura ghal xi xhur ukoll ma jiggustifikawx lil konvenuta milli taghti rendikont skond il-ligi tal-operat taghha f'isem u fl-interess tal-attrici kif prokuratur ghandu l-obligu li jaghmel. Del resto meta l-attrici ghamlet it-testment taghha fil-5 ta' Lulju 2010 u halliet gidha lil ohtha, hemm certifikat tat-tabib li jiccertifika l-istat mentali taghha li juriha kapaci tiehu hsieb l-affarijiet taghha u konsapevoli ta' dak li qed taghmel (ara fol. 168 tal-process).

Il-mandatarju skond il-ligi irid jagixxi f'isem u fl-interess tal-mandant tieghu. Il-fatt li l-konvenuta agixxiet in virtu ta' prokura generali ma jezonerahiex milli tagixxi f'isem u fl-interess tal-mandant u ma tistax teccedi jew tabbuza l-limiti tal-mandat taghha ai termini tal-artikolu 1864 tal-Kap. 16 billi l-azzjoni ta' zbank minnha kompjuta kienu saru f'isem l-attrici in virtu tal-prokura bhala fatt izda zgur fl-interess singolari tal-konvenuta billi ma ngiebet ebda prova li l-ammonti sostanzjali ta' flus zbankati fi zmien daqshekk qasir gew b'xi mod utilizzati mill-attrici jew f'isimha ghal skopijiet maghrufa mill-istess attrici. L-uzu personali mill-mandatarja tal-assi tal-mandant imur kontra l-principju fondamentali tal-mandat u jilledi l-obbligazzjoni fiducjarja bejn il-mandant u l-mandatarju li jrid jagixxi fit-termini tal-mandat in buona fede u fl-interess tal-mandant.

Ma jidhirx li hekk sar mill-mandatarju f'dan il-kaz billi ma ngiebet ebda prova mill-konvenuta li zbankat il-flus msemmija, illi dawn il-flus gew utilizzati ghal skopijiet moghtija minn jew maghrufa lil attrici, u anzi jidher li l-istess flus baqghu ghand il-konvenuta indebitament.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti filwaqt li tilqa’ t-talbiet attrici, u tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tikkundanna lil konvenuta tirrifondi lil attrici s-somma ta’ €46,378.75, bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali mid-data li fihom gew zbankati l-flus ai termini tal-artikolu 1878 tal-Kapitolu 16.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------